## X'differenzi hemm bejn addozzjoni ta' tfal Maltin u addozzjoni ta' tfal barranin?

Il-parti tal-proċess imsemmi hawn fuq sal-istadju tal-assessjar tal-applikanti hi l-istess, irrelevanti min-nazzjonalità tat-tfal.
Fil-każ ta' tfal barranin, hemm xi differenzi fil-fażijiet legali u dawk relatati mal-istorja medika tat-tfal, li jvarjaw mill-każijiet ta' tfal Maltin. Ladarba jiġu identifikati t-tfal barranin li ser jiġu addottati, jintbagħat rapport mediku mill-pajjiż tal-oriġini tat-tfal u dan jiġi analizzat mill-Kap tal-Pedjatrija tal-Isptar Mater Dei. Wara li jitlesta dan, jibda l-proċess ġudizzjarju tal-pajjiż barrani u jinħareġ digriet tal-Qorti. Hawn il-ġenituri addottivi prospettivi jiġu ppreżentati b'permess sabiex it-tfal addottivi jkunu jistgħu jidħlu Malta, u wara dan issir applikazzjoni lill-Qrati ta' Malta sabiex jirrikonoxxu l-addozzjoni. Minn hawn 'il quddiem, il-proċeduri ta' addozzjonijiet Maltin u dawk barranin huma l-istess, jiġifieri sabiex jiġi finalizzat il-proċess tal-addozzjoni, il-minuri irid ikun ilu jgħix mal-ġenituri addottivi prospettivi għal tal-anqas tliet xhur.

## Minn liema pajjiżi nkun nista' naddotta?

Persuni minn Malta jistgħu jaddottaw tfal minn diversi pajjiżi, inkluż minn Malta. Dettalji dwar il-pajjiżi u l-proċessi differenti jingħataw ladarba l-ġenituri addottivi prospettivi jibdew il-kuntatt tagħhom mal-Aġenzija.



## Nista' nagħżel it-tfal li ser naddotta jiena stess?

Fil-każ ta' addozzjoni ta' minuri minn Malta, il-*matching* ta' tfal ma' familji addottivi jsir minn professjonisti fi ħdan is-Servizz tal-Addozzjoni tal-Aġenzija Appoġġ. Fil-każ ta' tfal minn barra minn Malta, dan isir mill-awtorità kompetenti ta' dak il-pajjiż.

### X'jiġri f'każ ta' aħwa?

Jekk hemm aħwa li huma disponibbli għall-addozzjoni, kemm jista' jkun dawn ikunu addottati mill-istess familja.



### X'dokumenti għandi bżonn?

L-Aġenzija Appoġġ għandha r-responsabbiltà li tipprepara rapporti bħal pereżempju l-Home Study Report ippreżentat lill-Bord għall-Addozzjoni kif imsemmi aktar 'il fuq, filwaqt li tgħaddi lista li tiggwida lill-applikanti dwar x'dokumenti jkunu meħtieġa mill-pajjiżi barranin minn fejn ġejjin it-tfal matul il-proċess tal-addozzjoni. Barra minn hekk, kemm jekk it-tfal ikunu Maltin jew barranin, professjonisti mill-Aġenzija jipprovdu rapport dwar il-progress tat-tfal. Fil-każ ta' tfal barranin, dan jiġi ppreżentat lill-pajjiż tal-oriġini tat-tfal, li wħud minnhom jistgħu jirrikjedu li t-tfal jibqgħu jiġu segwiti minn professjonisti sal-età ta' 18-il sena.

## Kemm jiġi jiswa l-proċess kollu?

L-Aġenzija Appoġġ toffri s-Servizz tal-Addozzjoni lill-ġenituri addottivi prospettivi mingħajr ebda ħlas. Madankollu hemm spejjeż li jridu jiġu koperti mill-ġenituri, liema spejjeż huma relatati ma' proċeduri ta' pajjiżi barranin u li jvarjaw skont il-pajjiż, kif ukoll spejjeż konnessi ma' dokumenti li l-applikanti jkollhom bżonn jippreżentaw matul il-proċess, bħal pereżempju spejjeż legali u spejjeż tar-rapport tal-psikologu/a.

### Fejn nista' nirrikorri għal informazzjoni u għajnuna dwar addozzjoni?

Wieħed jista' jċempel lis-Servizz tal-Addozzjoni tal-Aġenzija Appoġġ fuq in-numru 2295 9000 matul il-ħinijiet tal-uffiċċju. Informazzjoni dettaljata tinsab ukoll fis-sit elettroniku www.appogg.gov.mt




**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**
Tel: (+356) 2388 5000 • Fax: (+356) 2144 1029

li tinkorpora

**Aġenzija APPOĠĠ**
36, Triq San Luqa, Gwardamangia
Tel: (+356) 2295 9000 • Fax: (+356) 2122 5354
www.appogg.gov.mt

**Aġenzija SEDQA**
Tel: (+356) 2388 5110 • Fax: (+356) 2388 5242
www.sedqa.gov.mt

**Aġenzija SAPPORT**
Tel: (+356) 2145 1868 • Fax: (+356) 2145 3164
www.sapport.gov.mt




# Addozzjoni

Servizz għal persuni interessati li jaddottaw

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

www.appogg.gov.mt

## X'jinkludi s-servizz tal-Addozzjoni tal-Aġenzija Appoġġ?

L-għan ewlieni tas-Servizz tal-Addozzjoni tal-Aġenzija Appoġġ hu li jsegwi l-proċess tal-addozzjoni mill-bidu sal-aħħar id f'id mal-ġenituri addottivi prospettivi. It-tim ta' professjonisti li jmexxi dan is-servizz għandu diversi responsabbiltajiet, fosthom li:

- jipprepara lill-ġenituri addottivi prospettivi għall-proċess permezz ta' korsijiet ta' taħriġ imħejjija u mwassla minn tim ta' professjonisti;
- jassessjaw il-kapaċitajiet tal-istess ġenituri addottivi prospettivi u jara li huma eliġibbli, waqt li jara x'inhi r-raġuni għaliex jixtiequ jaddottaw, l-istil ta' ħajja tagħhom, l-ambjent tad-dar, il-kundizzjoni ta' saħħithom, kif ukoll x'jistgħu joffru lit-tfal li ser jaddottaw u jekk hemmx possibilità li jaddottaw tfal b'diżabilità;
- jiggwidahom u jagħtihom is-sapport matul il-proċess kollu tal-addozzjoni;
- iħejji d-dokumenti meħtieġa li jwasslu lil dawn l-applikanti sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ġenituri addottivi;
- jagħtihom is-sapport meħtieġ ladarba l-addozzjoni sseħħ u t-tfal jintegraw fil-familja l-ġdida.

Il-ħaddiema soċjali jsegwu wkoll lit-tfal addottati, jekk dan ikun meħtieġ.



## Lil min jilħaq dan is-servizz?

Is-Servizz tal-Addozzjoni hu immirat sabiex jgħin u jiggwida lil dawk il-persuni li għandhom ix-xewqa li jaddottaw tfal, kemm jekk dawn għandhom tfal naturali tagħhom kif ukoll jekk m'għandhomx. Il-Liġi tirrikjedi li:

- Fil-każ ta' koppji miżżewġa li jixtiequ jaddottaw, xi ħadd minnhom għandu jkollu 28 sena;
- Bejn it-tfal li ser jiġu addottati u l-ġenituri addottivi prospettivi għandu jkun hemm mill-inqas 21 sena differenza fl-età iżda mhux aktar minn 45 sena mill-persuna li tkun se tiġi adottata. Din tapplika wkoll f'każ ta' persuna weħidha (*single*).



### Fhiex jikkonsisti l-proċess tal-addozzjoni?

Il-proċess tal-addozzjoni hu wieħed delikat u jinvolvi diversi stadji li hemm bżonn li jseħħu f'ordni speċifika, dejjem skont ir-rikjesti legali u soċjali, u dejjem fl-aħjar interess tat-tfal involuti.

Meta l-Aġenzija Appoġġ tirċievi applikazzjoni mingħand ġenituri addottivi prospettivi, dawn jingħataw spjega dettaljata dwar il-proċeduri u l-kriterji legali li għandhom isegwu. Jekk l-applikanti jilħqu dawn il-kriterji u għalhekk ikunu eliġibbli skont il-Liġi sabiex ikomplu bil-proċess, dawn jingħataw Formola ta' Applikazzjoni u Formola ta' Kunsens x'jimlew. Wara dan l-istadju inizjali, l-applikanti jimxu għal kors preparatorju pprovdut mill-istess Aġenzija, u li hu neċessarju sabiex wieħed ikun jista' jkompli l-proċess għall-addozzjoni.

## X'jinvolvi t-taħriġ li jingħata mill-Aġenzija?

Persuni li japplikaw sabiex jaddottaw minuri, u li huma eliġibbli sabiex ikomplu bil-proċess tal-addozzjoni, huma obbligati li jsegwu kors preparatorju offrut minn professjonisti tal-Aġenzija Appoġġ. Dan il-kors jieħu minn 7 sa 10 ġimgħat. L-għan ta' dawn is-sessjonijiet hu li jipprepara lil dawn l-applikanti dwar x'inhi l-addozzjoni, jgħinhom jiddeċiedu aħjar dwar jekk l-addozzjoni hix deċiżjoni tajba fil-każ partikolari tagħhom, jagħrfu l-motivazzjoni propja wara x-xewqa tagħhom li jaddottaw, jevalwaw dak li verament jaħsbu u jħossu dwar l-addozzjoni, u jagħrfu humiex lesti li jrabbu tfal ta' ħaddieħor daqslikieku kienu tagħhom.





Wara li jitlesta dan il-kors preparatorju, ħaddiema soċjali fi ħdan is-Servizz tal-Addozzjoni iżuru lill-applikanti fid-dar tagħhom u jassessjaw il-kapaċitajiet tagħhom u l-ambjent li jistgħu joffru lit-tfal addottati. Dak li joħroġ minn dawn il-laqgħat imbagħad jiġi ppreżentat f'rapport (Home Study Report). Kull rapport jingħata attenzjoni individwali u mhux ir-rapporti kollha jieħdu l-istess tul ta' żmien biex jitlestew. Dan jiddependi min-natura tal-każijiet individwali, kemm jiġu ppreżentati fil-ħin id-dokumenti kollha meħtiega min-naħa tal-applikanti, u diffikultajiet oħra li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-applikanti matul il-proċess tal-applikazzjoni.

Dan ir-rapport jgħaddi għand il-Bord għall-Addozzjoni – bord li hu indipendenti mill-Aġenzija Appoġġ, skont kif inhu stipulat bil-liġi. Dan il-Bord għandu s-setgħa li japprova jew jirrifjuta persuni bħala ġenitur/i addottivi prospettivi. Jekk il-Bord jaċċetta l-applikazzjoni, hawn isir dak li jissejjaħ *matching.*

Wara li l-ġenituri addottivi prospettivi jiġu aċċettati mill-Bord għall-Addozzjoni bħala ġenituri addottivi, dawn imbagħad iridu jiddeċiedu minn liema pajjiż jixtiequ jaddottaw u japplikaw mal-pajjiż rispettiv. Fil-każ ta' addozzjoni minn pajjiż barrani, ikun jeħtieġ li wieħed isegwi l-proċeduri ta' dak il-pajjiż, peress li l-pajjiżi kollha jkollhom is-sistema tagħhom. Għal addozzjonijiet minn Malta, it-tul tal-proċess jiddependi mid-disponibbiltà ta' tfal Maltin f'dak il-perjodu.